MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 2649/2002

**Margaret Refalo**

**Vs**

**Joseph Chetcuti**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-6 ta’ Novembru 2002 fejn l-attrici talbet sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta’ Lm720 (seba` mija u ghoxrin Lira Maltin) rapprezentanti ta’ danni sofferti fi propjeta` ta’ l-attrici.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-
L-attrici titlob lil dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu jikkundanna lill-konvenut biex ihallasha s-somma ta’ seba` mija u ghoxrin lira Maltija (Lm720) jew somma ohra verjuri rapprezentanti d-danni minnha sofferti fil-fond taghha 8, Triq Stella Maris, Sliema u diversi oggetti li hija kellha fl-

imsemmi fond b'konsegwenza ta' xogholijiet edilizji ezegwiti mill-konvenut f'fond adjacenti ghal dak tal-attrici, bl-ispejjez kollha u bl-imghax legali kontra l-konvenut minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-
1. Il-konvenut ma kkaguna ebda hsara ghad-dannu tal-attrici kif minnha pretiz.

2. Ghalhekk ma hemmx danni x'jigu likwidati favur l-attrici. Bla pregudizzju, l-attrici ghandha ggib prova skond il-ligi tad-danni li qed tippretendi.

3. Fi kwalunkwe kaz, ma hemmx lok ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' danni.

4. Salv eccezzjonijiet ohra premessi mill-ligi u bl-ispejjez kontra l-attrici.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:
Illi l-meritu jirrigwardja hsara kagunata fil-fond okkupat mill-attrici wara xoghol ta' demolizzjoni u kostituzzjoni da parti tal-Konvenut.

Illi l-provi sia okulari u sia dokumentarji prodotti mil-atturi huma ugwalment kontradetti min provi li gew prodotti mill-konvenuti. Li huwa aktar lampanti huwa d-divergenza tal-opinjoni teknika kif sottomess mill-periti teknici inkarigati ghal dan il-ghan mir- rispettivi kontendenti.

Lanqas ma jirrizulta qbil meta suppost effettivament waqghet it-talba tal-attrici u f'liema stadju kien wasal il-kostruzzjoni u tal-konvenut u li kien qed isir f'dak iz-zmien propizju.

Rinfaccjat b'din is-sitwazzjoni fattwali u legali kemmxejn anomala, It- Tribunal ta' bilfors ikollu jirrikorri lejn dawk il-principji bazilani li jipprovdu l-fundament tas-sistema giuridiku mostrali. Ovus probandi incumbit li qui dicit non

ei qui negat. Kif ritenut fil-kawza "Mallia vs Anastasi"- PA 03/10/96 - l-attur irid jipprova f'kawza civili li dak l-alleggament gie kagunat lilu biex t-tort tal-konvenut, irid jaghmlu sodisfazzjon tal-Qorti li l-istess konvenut kellu tort.

Jekk l-attur ma jgibx din il-prova l'azzjoni tieghu ma tistax ikollha ezitu favorevoli ghalih.

Anki jekk il- konvenut ma jippruvax dan ma ghandhux l-ebda oneru fuqhu- li dak li gara lill-attur ma kienx tort l-istess konvenut. Wara kollox, il- konvenut ma ghandhu l-ebda obbligu li jipprova xi haga. Dana mhux ghaliex tort ig- giuistru ikun tal-attur, imma semplicement ghaliex l-attur ma jkunx irnexxielu jipprova li allega bhala bazi tieghu. Aktar u aktar meta l-ligi tad-dritt fuq id-danni huma bazat fuq il- colpa tal- kontraparti.

Jiddeciedi billi fil-jilqa l-eccezjoni tal-konvenut jichad it-talbiet attrici bl-ispejjes kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------